

32000D0210

L 64/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

11.3.2000

ID-DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-25 ta' Frar 2000**

li tagħraf fil-prinċipju t-tkompilja ta' l-inkartament sottomess għal eżami dettaljat bil-ħsieb li jiġi inkluż l-ispinosad fl-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tirrigwarda l-ħruġ fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

(notifikata bin-numru tad-dokument C(2000) 476)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEEN)

(2000/210/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tirrigwarda l-ħruġ fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (¹), kif l-aħħar emenda bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/80/KE (²), u partikolarmen l-Artikolu 6(3) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 91/414/KEE (minn issa 'l quddiem imsejħa "id-Direttiva") tipprovdī għall-bini ta' lista Komunitarja dwar is-sustanzi attivi awtorizzati sabiex jintużaw fil-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti.
- (2) Applikant issottometta inkartament lill-awtoritajiet ta' numru ta' Stati Membri bil-ħsieb li jikseb id-dħul ta' sustanza attiva fl-Anness I ta' mad-Direttiva.
- (3) Dow AgroSciences issottomettet inkartament dwar is-sustanza attiva spinosad lill-awtoritajiet Olandiżi fid-19 ta' Lulju 1999.
- (4) L-awtoritajiet imsemija għarrfu lill-Kummissjoni bl-ewwel riżultati ta' eżami ta' l-inkartament sabiex jiġi żgurat illi jipprovdī t-tagħrif kollu preskritt fl-Anness II u, mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva interessata, fl-Anness III ta' mad-Direttiva. Sussegwentament, b'mod konformi ma' l-Artikolu 6(2), l-applikant issottometta l-inkartament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.
- (5) L-inkartament dwar l-ispinosad kien riferit lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħha tal-Pjanti fis-17 ta' Awissu 1999.
- (6) L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva jeħtieġ il-konferma uffiċjali fil-livell tal-Komunità illi kull inkartament iwettaq il-ħtiġijiet dwar it-tagħrif preskritt fl-Anness II u, għall-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih is-sustanza attiva interessata, fl-Anness III tad-Direttiva.
- (7) Din il-konferma hija meħtieġa sabiex tippermetti l-eżami dettaljat ta' l-inkartament u sabiex tippermetti lill-Istati Membri illi jikkonċedu awtorizzazzjoni proviżorja lill-

¹) ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.

²) ĠU L 210, ta' l-10.8.1999, p. 13.

prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom is-sustanza attiva koperta bil-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva u, partikolarmen, il-kondizzjoni li għandha x'taqsam ma' l-istima dettaljata tas-sustanza attiva u tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fid-dawl tal-ħtiġijiet preskritti fid-Direttiva.

- (8) Deċiżjoni bħal din ma taqtax barra talba għal iktar tagħrif mill-applikant fejn, matul l-eżami dettaljata, jinstab illi dan it-tagħrif huwa meħtieġ sabiex tintlaħaq deċiżjoni.
- (9) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jaqblu illi l-Olanda trid twettaq eżami dettaljata tal-inkartament dwar l-ispinosad.
- (10) L-Olanda trid tibgħat lill-Kummissjoni rapport li jiddik-jara r-riżultati ta' l-eżami akkumpanjat minn kull rakkommendazzjoni dwar id-dħul jew it-tħollija barra u dwar kull kondizzjoni li jkollha x'taqsam ma' dan malajr kemm jiista' jkun imma fi żmien sena. Wara li jkunu r-revew ir-rapport, irid jissokta l-eżami dettaljata mill-Istati Membri kollha fil-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħha tal-Pjanti.
- (11) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħha tal-pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DECİJONI:

Artikolu 1

Id-dokument li ġej jissodisfa fil-prinċipju l-ħtiġijiet tat-tagħrif preskritt fl-Anness II u, għal mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih is-sustanza attiva interessata, fl-Anness III tad-Direttiva, filwaqt li jitqiesu l-użijiet maħsuba:

l-inkartament sottomess mid-Dow AgroSciences lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-ħsieb li jiddaħħal l-ispinosad bħala sustanza attiva fl-Anness I ta' mad-Direttiva 91/414/KEE u riferit lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħha tal-Pjanti fis-17 ta' Awissu 1999.

Artikolu 2

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussel, fil-25 ta' Frar 2000.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni
